**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` April 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**JOHN BONELLO**

Kump Nru. 117/2013

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **John Bonello** li ghandu **numru tal-karta tal-identita` 529579(M),** gie akkuzat talli :

Nhar is-26 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tad-09:30 ta' filghaxija, barra l-istabbiliment 'Quenchers Bar' li jinsab Triq San Gorg, San Giljan u f'dawn il-Gzejjer Maltin, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Marshall Middlemas skond certifikat mahrug minn Dr. D. Sciberras M.D. mill-isptar Mater Dei.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprodi ghas-sigurta tal-persuna ta' John Marshall Middlemas bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-31 ta` Jannar 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li kkaratterizza dan il-kaz u li effettivament gie ppruvat skond il-ligi u a sodisfazzjon ta` din il-Qorti huwa propju s-segwenti.

Nhar is-26 ta` Dicembru 2012, l-imputat kien id-dar ghand ommu u gara illi kellu jwassal lin-neputi sa Paceville. Ha mieghu lit-tifla tieghu u xi neputijiet ohra, u wara li wasslu lin-neputi, l-imputat ghadda minn hdejn l-istabbiliment bl-isem ta` "Quenchers", peress illi dan huwa tieghu, biex jara jekk kollox kienx sew. Dan kien ghall-habta tad-9.30pm. Malli wasal hdejn il-fond imsemmi, l-imputat lemah lil John Marshall Middlemas jargumenta mal-barman, certu Bojan. L-imputat nizel biex jara x'gara u nduna li John Marshall Middlemas, li dak il-hin kien fis-sakra mhux hazin, ma riedx jaccetta li Bojan ma riedx jaghtieh aktar alcohol.

Kien hawnhekk li l-imputat qal lil barman biex imur jerga jiehu postu wara l-bar u l-imputat pprova jikkonvinci lil John Marshall Middlemas sabiex jitlaq 'l hemm u ma jibqax fil-hanut. Irrizulta li xi zmien qabel, l-imputat kien gia qal lil John Marshall Middlemas biex jevita li jmur fil-hanut tieghu peress illi fil-fehema ta` l-imputat l-atteggjament ta` l-istess Middlemas kien wiehed li jaghti fastidju lil klijenti ohra, partikolarment minhabba li jkun taht l-effett tax-xorb.

Irrizulta li John Marshall Middlemas ma kienetx ghogbitu l-ordni ta` l-imputat biex jitlaq mill-hanut u hawnhekk, waqt li huwa kien fuq l-ghatba tal-hanut, huwa beda jirrivolgi kliem ta` theddid u dispreggattiv fil-konfront ta` l-imputat. Minhabba dan l-atteggjament xejn sabih ta` John Marshall Middlemas, l-imputat tilifha (tilef il-pacenzja) u mbuttah u l-istess John Marshall Middlemas waqa ma l-art u sofra griehi

li gew ikklassifikati bhala gravi minhabba li kellu *fracture of left clavicle*, u xi griehi ohra hfief bhal *small injuries to lip and left ankle*.

**Ikkunsidrat**;

Illi r-rizultanzi processwali necessarjament igibu lill-imputat passabbli ghar-reat li bih gie akkuzat.

Id-difiza mressqa mill-imputat, dik tal-legittima difesa, definittivament ma tirrizultax skond il-ligi. Lanqas jista l-imputat b'xi mod jinvoka d-difiza tal-provokazzjoni skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

In terma ta' piena jew sanzjoni, din il-Qorti tirrileva illi, filwaqt li xejn ma ghandu jnaqqas mis-serjeta` intrinsika tal-kaz, l-atteggjament ostili u ta` inkonvenjent minn naha ta` John Marshall Middlemas, akkumpanjat mill-abbuz verbali tieghu fil-konfront ta` l-imputat, meta l-istess John Marshall Midllemas kien fis-sakra, jinvita lil din il-Qorti sabiex tqis il-komportament ta` John Marshall Middlemas bhala wiehed li kien provokattiv f'sens morali fuq l-imputat u allura, bhala tali, dan il-fatt jehtieg li jimmilita favur l-imputat meta din il-Qorti tkun qed tikkontempla xi forma ta` sanzjoni kontra l-istess imputat.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil John Bonello hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess John Bonello bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tmintax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil John Bonello fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur